**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 156/2014 MLF**

**Raymond Żammit**

**vs**

**Anthony Caruana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' erbat elef sitt mija u ħamsin Ewro (€4,650) rappreżentati bilanċ ta' somma akbar ta' kambjala numru wieħed li skadiet fis-26 ta' Diċembru 2009.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax kummerċjali mis-26 ta' Diċembru 2009 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-risposta tal-konvenut, fejn eccepixxa:

1. Illi l-ebda ammont ma hu dovut lir-rikorrent *stante* pagament;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:

1. Fis-26 ta' Diċembru tas-sena 2006 giet iffirmata skrittura bejn is-soċjeta' Raymond Auto Dealer Limited u l-konvenut personalment u s-soċjeta' Anjo Limited, li permezz tiegħu ftehmu illi s-soċjeta' Raymond Auto Dealer Limited għandha tbiegħ karozza tal-marka Mercedes fi stat *tale quale* lill-konvenut u lis-soċjeta' Anjo Limited għall-prezz ta' Lm24,000.[1] Fl-istess ftehim il-partijiet qablu li l-konvenut u s-soċjeta' Anjo Limited kellhom iħallsu l-prezz globali ta' Lm24,000 għall-karozza in kwistjoni b'dan il-mod:

    i. Lm 9,500 kellhom jitħallsu permezz tat-trasferiment ta' garaxx f'Balluta Mansions, tas-Sliema lil Raymond Auto Dealer Limited, liema garaxx kien ġie stmat li jiswa Lm9,500;

    ii. Lm5,500 kellhom jitħallsu fi flus;

    iii. Il-bqija tal-prezz – li jammonta għal disa' t'elef Liri Maltin (Lm9,000) – kellu jitħallas b'xogħol ta' materjal ta' bibien tal-injam jew xogħol ieħor tal-injam

[1] Ara fols 17, 19 tal-proċess.

bi prezzijiet tas-suq, supplit mingħand is-soċjeta' Anjo Limited – li hija socjeta tal-konvenut. Il-konsenji kellhom isiru skond lista' ta' prezzijiet annessa mal-istess ftehim, liema prezzijiet ma kienux jinkludu it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud.[2]

2. Fl-istess ġurnata li kien sar il-kuntratt hawn fuq imsemmi – cioe fis-26 ta' Diċembru 2006 – il-konvenut iffirma kambjala favur l-attur għas-somma ta' disa' t'elef Liri Maltin (Lm9,000). Din il-kambjala nħarġet sabiex jekk ix-xogħol ta' materjal ta' bibien tal-injam ma jiġix eżegwit, l-attur ikollu dritt li jitħallas is-somma ta' disa' t'elef Liri Maltin (Lm9,000) – jew il-bilanċ li jkun għad fadal - fi flus. [3]

3. Ghalkemm l-attur ma jikkontestax li l-konvenut ikkonsenjalu numru ta' xogholijiet tal-injam, l-attur qed isostni li ma rċeviex l-ekwivalenti ta' disa' t'elef Liri Maltin (Lm 9,000) f'xogħol ta' materjal tal-injam. Hu għalhekk fetaħ il-proċeduri odjerni għaliex qed jippretendi li jitħallas il-bilanċ tax-xogħolijiet li baqgħu ma ġewx eżegwiti, li jammonta għal erbat elef sitt mija u ħamsin Ewro (€4,650).[4]

4. Min-naha l-ohra, il-konvenut qed jikkontendi li huwa ikkonsenja lill-attur il-materjal kollu miftiehem.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Kunsiderazzjonijiet Preliminari*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut ghamel dawn iz-zewg sottomissjonjiet, u cioe:

1. Ladarba l-ftehim tas-26 ta' Dicembru 2006 sar mas-socjeta Raymond Auto Dealer Limited u l-kreditur kienet din is-socjeta, u mhux l-attur f'ismu proprju, u ladarba l-attur stess, fix-xhieda tieghu, irrikonoxxa li l-kambjala inharget sabiex taghmel tajjeb ghall-bilanc dovut fuq dan il-ftehim, il-kambjala inharget sabiex tiggarantixxi obbligazzjoni inezistenti, u mhix ezegwibbli fil-konfront tal-konvenut.

[2] Ara fols 17, 19, 27, 40 tal-proċess.
[3] Ara fols 17, 41 tal-proċess.
[4] Ara fols 41, 43, 60 tal-proċess.

2. Illi l-azzjoni attrici, in kwantu bazata fuq l-ezistenza tal-kambjala, ma tistax tirnexxi ghaliex l-attur qatt ma ipprezenta l-kambjala originali fl-atti ta' din il-kawza.

Dawn iz-zewg sottomissjonijiet jammontaw ghal eccezzjonijiet ulterjuri. Fil-fatt, fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-attur oggezzjona li dawn l-eccezzjonijiet jitqajjmu f'dan l-istadju tal-proceduri, meta l-istadju tal-provi gie maghluq.

Il-Qrati Maltin ippronunzjaw ruhhom diversi drabi fuq eccezzjonijiet li jitqajjmu fi stadju ulterjuri tal-kawza. Fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[5] fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** fis-7 ta' Dicembru 2005, gie ritenut is-segwenti:

*"B'introduzzjoni ghall-ezami u decizjoni tal-ewwel aggravju jigi qabel xejn notat illi skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;*

*L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell in re "**John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine**", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota tal-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;*

*Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita."*

[5] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Fis-sentenza in parte fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) irriteniet hekk:

*"L-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors. Dawn il-provvedimenti ma japplikawx ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja li, skond l-Artikolu 732 jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[6] fil-25 ta' Frar 2004 fl-ismijiet: **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Raymond Azzopardi** gie ritenut hekk:

« *Jinsab provvdut fl-Artikolu 728(1) tal-Kap. 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota tal-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu la f'nota tal-osservazzjonijiet u lanqas fid-dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez. Vol. XXXIV p1 p410 u Vol. XXXVIII pII p583)."*

Fil-kaz odjern, ma kien hemm l-ebda raguni - u l-konvenut lanqas ipprova jiggustifika – ghalfejn dawn l-eccezzjonijiet ma gewx sollevati fir-risposta tieghu ghar-rikors promotur, izda ghazel li jissollevahom fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tieghu.

Fid-dawl tal-insenjament tal-gurisprudenza fuq kwotata, din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut sollevati fi stadju inoltrat tal-proceduri, u senjatament fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u dan minghajr il-permess ta' din il-Qorti.

*L-Ewwel Eccezzjoni – l-Eccezzjoni tal-Pagament*

[6] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut isostni li m'għandu jagħti l-ebda ammont lill-attur peress li diġa' kkonsenja l-ekwivalenti ta' disa' t'elef Liri Maltin (Lm 9,000) f'xogħol ta' materjal tal-injam kif kien obbliga ruħu li jagħmel fil-ftehim ta' bejniethom tas-26 ta' Diċembru 2006.[7]

Iz-zewg partijiet ezebew elenku tal-materjal skond huma konsenjat. Wara li għamlet eżerċizzju komparattiv bejn iż-żewġ elenki li jinsabu a fols 22 u 46 tal-proċess, jirrizulta li hemm qbil sostanzjali bejn il-kwantitajiet konsenjati u r-rati li kellhom jigu adoperati. Fil-fatt minn dawn iz-zewg dokumenti jidher li huwa pacifiku bejn il-kontendenti li l-konvenut ikkonsenja is-segwenti affarijiet lill-attur:

- 21 *pine doors* bil-prezz ta' Lm 145-il wieħed;
- 20 *pine doors* bil-prezz ta' Lm 150-il wieħed;
- 9 *internal doors* bil-prezz ta' Lm 135-il wieħed;
- 4 *door frames* bil-prezz ta' Lm 80-il wieħed.

Dawn l-oggetti jammontaw ghal valur ta' Lm 7,580 (€17,656.65).

Il-divergenza bejn il-partijiet huwa fis-segwenti affarijiet:

1. Il-konvenut qed jinkludi is-somma ta' LM35 ghal xoghol ta' tnehhija ta' bibien f'post tas-Sliema. Dan mhux imsemmi fl-elenku tal-attur.
2. Il-konvenut qed jghid li huwa ikkonsenja tminn (8) bibien tal-pine f'fond fi Triq Tumas Dingli, Haz-Zebbug, fil-waqt li skond l-elenku tal-attur gew konsenjati hames (5) bibien tal-pine.
3. L-attur naqqas ammonti rapprezentanti prezzijiet ta' *locks, handles* u *fittings.*
4. Il-konvenut qed izid it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq il-prezz tal-oggetti konsenjati u x-xoghol maghmul, fil-waqt li l-attur mhux qed izid din it-taxxa mar-rati miftiehma.

Fix-xhieda tieghu l-attur jghid li l-elenku mhux hu ghamlu, imma skrivan tieghu, u lanqas ried jikkommetti ruhu jekk l-ammonti kienux jinkludu t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghal bidu lanqas ried jikkommetti ruhu li ghamel tnaqqis ghal *locks, handles* u *fittings*, ghaliex qal

[7] Ara fol 17 tal-proċess.

li l-kont mhux hu kien ghamlu u li kienu ghaddew kwazi ghaxar (10) snin. Jekk l-attur stess ma riedx jikkommetti ruhu fuq kif gie redatt l-elenku minnu ezebit, din il-Qorti ma tistax tati affidament lil dan l-elenku.

Ghal din ir-raguni kif ukoll ghar-ragunijiet li se jinghataw aktar tard, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-elenku maghmul mill-konvenut huwa iktar attendibbli.

Ghaldaqstant, l-ewwel divergenza, u cioe l-ammont ta' LM35 ghal xoghol ta' tnehhija ta' bibien ghandu jigi inkluz fir-rendikont finali.

It-tieni divergenza hija li fil-waqt li skond l-elenku tal-konvenut, hu ikkonsenja tminn (8) bibien tal-pine f'fond fi Triq Tumas Dingli, Haz-Zebbug, skond l-elenku tal-attur gew konsenjati hames (5) bibien tal-pine biss. Skond ix-xhieda mhux kontradetta tal-konvenut, xi zmien qabel fetah din il-kawza, l-attur kienipprezenta statement flimkien ma ittra ufficjali li kien baghatlu, sabiex jurih ezattament x'qed jippretendi. Il-konvenut ezebixxa kopja ta' dan l-istatement, li jikkontjeni kopja kwazi identika tal-elenku ezebit mill-attur f'dawn il-proceduri, hlief li f'dan fir-rigward tal-fond fi Triq Tumas Dingli, Haz-Zebbug, hemm indikat li l-attur ikkonsenja seba' (7) bibien tal-pine. F'dan l-istat ta' kunflitt bejn iz-zewg elenki tal-attur – liema kunflitt ma gie bl-ebda mod spjegat mill-attur – din il-Qorti hija tal-opinjoni li hija aktar attendibbli l-versjoni tal-konvenut li hu ikkonsenja tminn (8) bibien tal-pine f'dan il-fond. Konsegwentement, fir-rendikont finali ghandu jizdied l-ammont ta' LM 450, rapprezentanti tlett bibien tal-pine bil-prezz ta' LM150-il wiehed, li l-konvenut ikkonsenja lill-attur f'dan il-fond.

Fir-rigward tat-tielet divergenza, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur mhux legalment gustifikat li jnaqqas mill-prezz tal-materjal konsenjat lilu, ammont rapprezentanti il-prezz tal-*locks, handles* u *rubber fittings,* peress li skond r-rati miftehma fl-iskeda tar-rati miftiehma annessa mal-ftehim, ma kienux jinkludu *locks, handles* u *rubber fittings*.[8]

Min-naha l-ohra, il-Qorti hija tal-opinjoni li mar-rati miftiehma ghandu jizdied l-ammont rapprezentanti t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Dan ghaliex l-iskeda tar-rati miftiehma annessa

[8] Ara fol 18 tal-proċess.

mal-ftehim tas-26 ta' Diċembru 2006 tghid car u tond li *"prices not included vat 18%"*.[9] Effettivament huwa dan l-element ta' din it-Taxxa li jikkostitwixxi l-ikbar diskrepanza bejn il-konteggi tal-attur u dak tal-konvenut.

L-attur jissottometti li l-konvenut ma jistghax izid it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex il-konvenut qatt ma tah ircevuta ghax-xoghol li kien jikkonsenjalu. Pero dak li qed jinsa l-konvenut hu li l-ftehim sar mas-socjeta Ray Auto Dealer Limited, u mhux mal-konvenut personalment. Skond l-Artikolu 50 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta), fejn ikun hemm negozju bejn zewg persuni registrati taht dan l-Att, trid tinhareg fattura fiskali, u mhux ricevuta fiskali, kif effettivament ghamlet is-socjeta Anjo Ltd fit-28 ta' April 2008.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-konvenut irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli l-eccezzjoni tieghu tal-pagament tal-kreditu dovut fl-intier tieghu, stante li r-rendikont tieghu, anke kif kontenut fil-fattura fiskali tas-socjeta Anjo Ltd tat-28 ta' April 2008,[10] gie debitament ippruvat.

*It-Tieni Eċċezzjoni – It-Talba tal-Attur hija infondata fil-Fatt u fid-Dritt*

In vista tal-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni, ikun inutli li din il-Qorti tinoltra ruhha fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenut li t-talba tal-attur hi infondata fil-fatt u fid-dritt.

[9] Ara fol 20 tal-proċess.
[10] Ara fol. 21 tal-process.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni fir-risposta tal-konvenut;
3. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni fir-risposta tal-konvenut;
4. Konsegwentement tichad it-talba tal-attur fit-totalita taghha.
5. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-attur.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**